# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

## IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

14 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' parti online u b'membri preżenti fiċ-Ċentru fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.37pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Remigio Bartolo li kien jinsab indispost u s-Sinjura Connie Scerri li kienet għadha ma daħlitx *online* għalkemm għall-laqgħa preċedenti kienet ġa *online*.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Bartolo infurmaha permezz ta' messaġġ ta'apoloġija.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

21.3.1 ***Tqassim ta' maskli***

Is-Sur Cordina qal li l-maskli bdew jitqassmu u ntlaqgħu tajjeb ħafna. L-Avukat Caruana saqsiet jekk min ikollu *junk mail* jimgħatawlhomx xorta u jekk tqassmux l-area tagħha? Is-Sur Cordina qal li jitqassmu xorta u li mhux kullimkien hu lest.

21.3.2 ***Approvazzjoni Tiswija Mafkar***

Is-Sur Cordina qal li xtaq l-approvazzjoni sabiex jissewwa mafkar li kien sar mill-Każin La Stella Levantina fil-bidu tal-Pjazza biex ifakkar id-dħul tal-konvoj fi żmien il-gwerra u minħabba li kien sar bil-*fibre* u miksi mill-gibs l-elementi tan-natura għamlu tagħhom u tqaxxar kollu. Biex isir kollu bronż kienet se tiġi spiża konsiderevoli għaldaqstant ippropona li jsir tip ta' taħlita mis-Sur Paul Haber, isir id-disinn mill-ġdid fuq l-oriġinali u mbagħad jinkesa bil-bronż. Dan kollu se jiġi jiswa bejn €1000 u €1400. Hu kompla jgħid li l-flus jistgħu jittieħdu mill-fond taħt Skema 1 tar-Reġjun. Il-Perit Schembri saqsa jekk hux ħa jkun infurmat l-artist li għamlu. Is-Sur Cordina qal li dan ilu mill-2017 u m'hemmx isem l-artist. Il-Kunsill ma kellux sehem fix-xogħol li sar preċedentament ħlief il-bażi tiegħu li hi preżervata tajjeb u l-Każin kien avviċina l-artist. Issa ma xtaqx jinqalgħu polemiċi fuq xogħol li seta' sar preċentement u li fi żmien qasir irid jerġa' jsir. L-Avukat Caruana saqsiet meta ħa jkun lest biex isir xi ħaġa tipo xi *press release*. Peress li ma kellux indikazzjoni meta dan se jkun lest ġie deċiż li jiġi restawrat imbagħaad wieħed jiddeċiedi. Kulħadd qabel mal-ispiża.

21.3.3 ***Telephone Box fi Triq l-Kbira***

Is-Sur Cordina qal li fuq inizjattiva tal-Avukat Brincat li propona li din tiġi mgħoddija lill-Kunsill u mċaqalqa għall-Ġnien l-Istazzjon ħdejn l-*Info Centre,* fuq inizjattiva wkoll tas-Sur Remigio Bartolo li talab li tiġi restawrata u li għandu t-tifel tiegħu jaħdem mal-Go plc din mhux talli se tingħadda lill-Kunsill imma se tiġi restawrata a spejjeż ta' Go plc.

Is-Sinjura Connie Scerri daħlet online f'dan il-mument 5.49pm

21.3.4 ***Ġbir ta' Skart fuq bażi Reġjonali***

Is-Sur Cordina qal li xtaq jitkellem fuq xi ħaġa li tippreokkupah mhux fuq il-Kunsill imma fuq dak li aċċenna fuqu l-Ministru Aaron Farruġia fuq il-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali li qal ukoll li ħa jsemmi waqt il-laqgħa tar-Reġjun u għalkemm m'għandu xejn kontra li jinġabar mir-Reġjun kif kulħadd jaf bħalissa l-Kunsill jekk ikun hemm nuqqasijiet mhux rimedjabbli jista' joħroglu *default notice* u wara jitwaqqaf. Qal ukoll li bħalissa kull Kunsill jiddelega hu mal-kuntrattur u fejn ikun hemm nuqqas jirrimedja dak il-ħin imma wisq jibża li bi tlettax il-Kunsill u kuntrattur wieħed il-Kunsill se jitlef il-kontroll. Hemm ukoll fatturi oħra bħat-tip ta' trakkijiet, l-valur tal-Euro tagħhom u jekk kuntrattur ha jġib tant trakkijiet se jitfa' l-piż tal-ispejjeż tagħhom fuq il-Kunsilli.

Il-Perit Schembri qal li anki biex jintgħażel kuntrattur fuq il-proċess in se garanżiji, *subcontracting* se jkun anka kumplikazzjonijiet fuq il-pagamenti. Is-Sur Cordina qal li anka bhalha lokalità min ħa jerfa' l-piż ta' min fejn jidħlu lokalitajiet iż-żgħar ħa jerfgħu il-piż ta' Kunsilli kbar. Anka ċertu arranġamenti bħal meta kien qed isiru xogħolijiet f'toroq oħra ħabba s-*Central Link* l-kuntrattur kien flessibbli ħafna u wasalna miegħu.

L-Avukat Brincat qal li żmien ilu l-Onorevoli Parnis kien qal li l-Kunsilli jridu jaslu għall-lokalitajiet t'eċċellenza u fi żmien qasir bdew imbagħad jittieklu ċertu responsabbiltajiet oħra minn taħt idejn il-Kunsill. Qal ukoll li issa jekk jittieħed minn taħt idejn il-Kunsill il-ġbir ta' skart mhu sa jifdal xejn. Is-Sur Cordina qal li hekk il-Kunsilli jispiċċaw Kunsilli tal-*Customer Care*. Kulħadd qabel ukoll li jonqos il-*value for money*, ħa tintilef ir-reputazzjoni fejn il-Kunsill dejjem żamm ir-raħal nadif u r-residenti jeleġġu l-Kunsilliera sabiex ikunu responsabbli għall-bżonnijiet bażiċi tagħhom fosthom il-ġbir ta' skart. Is-Sur Cordina qal li hu mhux lest ikun messaġġier biex iċempel lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ikun hemm xi nuqqas u din min-naħa tagħha toqgħod tinfurma lir-Reġjun meta bħalissa jintbagħat sempliċi messaġġ dirett lill-kuntrattur. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa jispiċċu qisu *hamlet* bla poteri. Is-Sindku qal li sakemm issir kritika kostruttiva m'hemmx wieħed x'jiddejjaq.

Is-Sur Bonnici qal li l-bżonnijiet ta' kull lokalità mhumiex l-istess. Hemm skart jinġabar filħgħodu u ieħor filgħaxija, hemm skart differenti fi ġranet differenti u mhux kull Kunsill l-istess bħal ma jinġabar il-ħaxix nhar ta' Sibt. Hemm qbil unanimu li ssir diskussjoni minħabba li l-Kunsill ma jaqbilx li jmur Reġjonali mingħajr ma qabel jittieħdu in konsiderazzjoni l-punti fuq imsemmija.

## 21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

21.4.1 Victor Galea

- Saqsa fuq il-van li l-Kunsill tkellem fuqu preċedentament u għadda suġġeriment sabiex fuq il-van il-ġdid isir datatrak. Is-Sur Cordina qal li ma jarax lok għalfejn għandu jsir ġaladarba ġa hemm kontroll u m'hemmx abbuż imma allahares kellu jasal għal dan għax imbagħad mhux datatrak jagħmel *palm reader* u kull mezz ieħor. S'issa pero' kuntent li l-Kunsill għand *Supervisor* li qisu l-Kunsill sabu fil-*Kinder Sorpresa* għax l-inizjattivi li qed jieħu huma nkoraġġanti ferm u daħħal ċertu dixxiplina. Is-Sur Galea qal

li jekk din tista' taħdem kontra ma jixtieqx ixikkel l-armonija li biha qed jaħdem il-Kunsill.

- Saqsa fuq x'*feedback* kien hemm fuq il-proġett tal-kompjuters u sa meta kienet l-iskema. Il-*feedback* in generali kien wieħed tajjeb però kien hemm bżonn ta' iktar data.

21.4.2 Giorgio Schembri

- Talab biex tiġi diskussa deċiżjoni fuq disinn li ntbagħat minn xi residenti fi Triq Dun Gwann Theuma rigward l-embellishment ta' din iż-żona. Is-Sur Cordina qal li trid tiġi diskussa sew għax wieħed irid jara jekk hux ġejja triq privata jekk hux ħa tiġi devoluta lill-Kunsill x'tip ta' dwal qed jitolbu u wara li ssir x'tip ta' manutenzjoni trid issir fit-tul.

21.4.3 Alex Mangion

- Xtaq jirringrazzja lill-istaff kollu għax-xogħol imwettaq tul is-sena.

21.4.4 Helen Caruana

- Saqsiet fuq it-telefon box fi Triq il-Mosta. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat imejl formali.
- Talbet li jerġgħu jibdew jiktbu xi artikli fil-fuljett li jmiss sabiex ikunu iktar viċin ir-residenti. Dan se jkun jista' jsir fil-fuljett ta' Awwissu 2021.

## 21.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

21.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni l-*leave* ħaddiema:
Diandra Borg 21 ġurnata
Karen Fsadni 6 t'ijiem
Arthur Caruana 6 t'ijiem

Qalet li l-liġi tippermetti li jiġġeddu biss 6 ijiem għalkemm hemm anomalija għax fir-regoli tal-Gvern imbagħad jgħidlek li jista' jiġġedded sa 50% u jista' jsiru eċċezzjonijiet imma kull meta ġġeddu iktar minn 6 dejjem kien hemm *Management Letter point*. Fil-każ tas-Sinjorina Borg din sa tiżżewweġ f'Ġunju u xtaqet tħalli l-*leave* għal hekk. Saru mistoqsijiet fuq jekk l-uffiċċju hux se jiffaċċja diffikultajiet bi Staff nieqes imma s-Segretarju qalet li vera jridu jaħdmu iktar imma mhux differenti minn kif qegħdin bħalissa bis-Sinjura Sammut bil-*maternity leave.*

Dan ġie approvat.

## 21.6 Approvazzjoni ta' Baġit 2021

21.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Baġit hekk kif spjegat fid-dettal fil-laqgħa pubblika. Favur 8 Kontra 0 Astenzjonijiet 0. Il-Baġit għadda.

## 21.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

21.7.1 Approvati. Proponent: Victor Galea Sekondant: Alex Mangion

## 21.8 Mozzjonijiet; u

21.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 21.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

21.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.22pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Jannar 2021 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 18 ta' Jannar 2021.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |